



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5281/22

LIMITE

CORLX 18  
CFSP/PESC 32  
COASI 9  
COARM 7  
CONUN 12  
FIN 19

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/486/PESK  
dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi  
u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57.

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.
- (2) Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2615 (2021) li tesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja fl-Afganistan, inkluż l-insigurtà tal-ikel, u li fakkret li n-nisa, it-tfal u l-minoranzi ġew affettwati b'mod sproporzjonat.
- (3) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tiegħu 2615 (2021), iddeċieda li l-assistenza umanitarja u attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fl-Afganistan mhumiex ksur tal-paragrafu 1(a) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2255 (2015) filwaqt li tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-fornituri li jiddependu fuq UNSCR 2615 (2021) biex jużaw sforzi raġonevoli biex jimminimizzaw l-akkumulazzjoni ta' kwalunkwe benefiċċju, kemm jekk bħala riżultat ta' forniment dirett jew devjazzjoni, lil individwi jew entitajiet deżinjati fuq il-Lista ta' Sanzjonijiet taħt il-UNSCR 1988 (2011).
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/486/PESK tiġi emendata skont dan.
- (5) Hija neċessarja aktar azzjoni mill-Unjoni biex jiġu implimentati ċerti miżuri f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-ipproċessar u l-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra, u l-forniment ta' oġġetti u servizzi meħtieġa biex jiġu żgurati t-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja u attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fl-Afganistan jew biex jiġu appoġġjati tali attivitajiet."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---